Stqarrija tal-FRA għall-Istampa
Vjenna, l-10 ta' Ġunju 2021

**EMBARGO: 8 ta' Ġunju 2022 08:30 CET**

# Trawwim tad-drittijiet soċjali: ċavetta għall-irkupru tal-UE mill-COVID-19

**Il-pandemija skattat appoġġ finanzjarju mingħajr preċedent mill-UE biex jiġi miġġieled l-impatt soċjali tal-COVID-19. Ħafna nies fl-UE, speċjalment persuni vulnerabbli, iffaċċjaw aċċess imnaqqas għall-kura tas-saħħa, għall-kura tat-tfal, għall-edukazzjoni u l-internet. Dan wassal għal mortalità eċċessiva, faqar, qgħad u esklużjoni soċjali. Ir-Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali 2022 tal-FRA jiddeskrivi l-impatt mifrux tal-pandemija fuq id-drittijiet soċjali. Jissuġġerixxi wkoll kif għandhom jiġu indirizzati l-inugwaljanzi li qed jiżdiedu u t-theddid għall-koeżjoni soċjali.**

"*Ir-rispons għall-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra fl-Ukrajna juru l-mod kif l-Unjoni Ewropea tissawwar meta tkun ikkonfrontata bi kriżijiet,*" isostni d-Direttur tal-FRA Michael O'Flaherty. "*L-azzjoni u l-finanzjament tal-UE jistgħu jagħmlu differenza sinifikanti, u qed jagħmlu dan, b'mod partikolari meta jkunu marbuta ma' obbligi legali u impenji politiċi rilevanti biex jiġu ssalvagwardjati d-drittijiet soċjali tan-nies. Il-monitoraġġ effettiv tal-użu tal-fondi biss se jappoġġa lill-gvernijiet biex jiġi żgurat irkupru mill-pandemija li huwa konformi mad-drittijiet. Dan se jappoġġahom ukoll fl-aġġustament tal-miżuri ffinanzjati biex jindirizzaw b'mod suffiċjenti l-vulnerabbiltajiet soċjali tan-nies, b'mod partikolari ta' dawk l-aktar milquta – it-tfal u ż-żgħażagħ.*"

Ir-Rapport dwar id-Drittijiet Fundamentali 2022 tal-FRA jirrifletti fuq l-iżviluppi u n-nuqqasijiet fir-rigward tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem fl-UE matul is-sena li għaddiet. Il-kapitolu fokali tiegħu jirrieżamina l-impatt tal-pandemija fuq id-drittijiet soċjali tan-nies, bħall-edukazzjoni, l-impjiegi u l-kura tas-saħħa. Dan jagħti ħarsa lejn l-esperjenzi tat-tfal, iż-żgħażagħ, nies akbar fl-età, nies b'diżabilità, u nies oħra f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. Jagħti ħarsa wkoll lejn il-mod kif il-pajjiżi tal-UE jippjanaw li jużaw il-EUR 724 biljun ta' finanzjament tal-UE allokat għall-irkupru mill-pandemija biex jitrawmu d-drittijiet soċjali.

Filwaqt li jimxu 'l quddiem, jenħtieġ li l-gvernijiet jinvolvu korpi nazzjonali fl-oqsma tad-drittijiet tal-bniedem jew tal-ugwaljanza biex jiġi mmonitorjat li l-miżuri ta' rkupru ffinanzjati mill-UE jsegwu d-drittijiet fundamentali. Jenħtieġ li dawn ifittxu b'mod partikolari li:

- jissodisfaw id-drittijiet soċjali tan-nies l-aktar milquta mill-pandemija;
- jivvalutaw u jaġġustaw, jekk ikun meħtieġ, miżuri ffinanzjati mill-UE biex jiżguraw li dawn jirrispettaw u jrawmu d-drittijiet soċjali;
- jiżguraw li l-użu tal-fondi ta' rkupru tal-UE ma jkunx inkompatibbli la mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u lanqas mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD).

Kwistjonijiet ewlenin oħra ta' drittijiet fundamentali fl-2021 jinkludu:

- Id-**drittijiet tat-tfal** – il-pandemija kompliet tħalli impatt fuq il-benesseri u l-edukazzjoni tat-tfal. Ħafna sofrew, b'mod partikolari dawk li ġejjin minn ambjenti żvantaġġati, u dan ħallihom f'riskju akbar ta' faqar u esklużjoni. L-ewwel Strateġija tal-UE għad-Drittijiet tat-Tfal flimkien mal-Garanzija Ewropea għat-Tfal kienu stadji notevoli li jfittxu li jixprunaw l-isforzi biex jiġu promossi u protetti d-drittijiet tat-tfal kollha. Jenħtieġ li l-pajjiżi tal-UE jiżguraw li l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali tagħhom iwettqu l-għanijiet tal-istrateġija u tal-Garanzija.
- Il-**migrazzjoni** – l-isfidi tal-fruntieri għad-drittijiet fundamentali komplew. Il-migranti ffaċċjaw vjolenza jew ġew irrifjutati fil-fruntieri tal-art tal-UE u aktar minn 2 000 migrant mietu fil-baħar. Jenħtieġ li l-pajjiżi tal-UE jwettqu monitoraġġ tal-fruntieri effettiv u indipendenti biex jiġu miġġielda l-abbużi tad-drittijiet. L-għadd ta' tfal li jfittxu l-ażil, inklużi tfal mhux akkumpanjati, żdied, u dan jistħoqqlu attenzjoni partikolari mill-amministrazzjonijiet nazzjonali.

- **Razziżmu** – il-pandemija kompliet tħeġġeġ id-diskriminazzjoni, ir-reati ta' mibegħda u b'mod partikolari d-diskors ta' mibegħda online lejn il-migranti u l-minoranzi etniċi. Filwaqt li jibnu fuq il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Ġlieda Kontra r-Razziżmu fl-2020, il-biċċa l-kbira tal-pajjiżi tal-UE adottaw jew qed jiżviluppaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali biex jindirizzaw ir-razziżmu u d-diskriminazzjoni etnika. Biex iżidu l-isforzi tagħhom, jenħtieġ li l-pajjiżi tal-UE jippenalizzaw ir-reati ta' mibegħda, jinkoraġġixxu r-rappurtar u jappoġġaw aħjar lill-vittmi. Dan jinkludi wkoll it-twettiq ta' pjanijiet ta' azzjoni u strateġiji permezz ta' monitoraġġ infurmat.

Ir-rapport jiġbor fil-qosor u janalizza l-iżviluppi ewlenin tad-drittijiet tal-bniedem fl-UE matul l-2021. Dan jinkludi proposti għal azzjoni, li jkopru l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE u l-użu tagħha mill-Istati Membri; l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni; ir-razziżmu u l-intolleranza relatata; l-inklużjoni tar-Rom; l-ażil, il-fruntieri u l-migrazzjoni; is-soċjetà tal-informazzjoni, il-privatezza u l-protezzjoni tad-*data*; id-drittijiet tat-tfal; l-aċċess għall-ġustizzja; u l-implimentazzjoni tas-CRPD.

**Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja:** media@fra.europa.eu / Tel.: +43 1 580 30 653